MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2014

Numru. 587/2012

Il-**Pulizija**

**(Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**Elaine Muscat ta' 31 sena, bint Louis Muscat u Valerie-Helen Muscat xebba Borg, imwielda Pieta` nhar id-19 t'April 1981, residenti Flat 7, Blossom, Triq Santa Marija, Birkirkara, detentrici tal-karta ta' l-identita numru 204981M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata nhar it-30 ta' Mejju, 2012, ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex, Msida u fi Triq l-Imradd Ta' Xbiex:

1) Ikkommettiet serq ta' flus u/jew xi oggetti ohra liema serq huwa kkalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa li sar ghad-detriment ta' Edward Spiteri.

2) U aktar talli fl-istess gurnata, lok, hin u cirkotanzi fi triq jew f'post pubbliku, jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghall-skopijiet ohra immorali.

3) U aktar talli kisret il-provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta impostha fuqha permezz ta' sentenza definittiva datata 16 ta' Dicembru 2010 moghtija mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. fejn l-istess Elaine Muscat kienet misjuba hatja ta' sensiela ta' serq u kienet giet illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

4) U aktar talli kissret il-provediment ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta impostha fuqha permezz ta' sentenza definittiva datata 28 ta' Settembru 2011 moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D fejn l-istess Elaine Muscat kienet misjuba hatja ta' prostituzzjoni skont l-Artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

5) Il-Qorti hija mitluba wkoll li f'kaz ta' htija titratta lill-imputata Elaine Muscat li kisret il-kundizjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati pereseduta mill-Magistyrat Dott. Gabriella Vella LL.D. fl-14 ta' Marzu 2012 u f'dan li ma tikkommettix delit iehor ta' natura volontarja u li li nstabet barra il-hin tar-rinkazar liema hin l-istess Qorti ordnatilha fid-digriet taghha u cioe dik li kellha tkun gewwa mis-7pm sa 8am waqt likienet mehlusha mill-arrest u dan taht depositu ta' €117 u garanzija personali ta' €5000.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha hlief ghal dak li jirrigwarda l-aggravju tar-reat tas-serq dwar ix-xorta tal-haga misruqa u t-tielet akkuza, liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha hlief ghal dak li jirrigwarda l-aggravju tar-reat tas-serq dwar ix-xorta tal-haga misruqa u t-tielet akkuza, ma tistax hlief issibha hatja tal-akkuzi migjuba fil-taghha. Il-Qorti izda tirrileva illi s-serq f'dan il-kaz sehh minn fuq il-persuna u l-karozza tal-parte leza li ghalkemm kien jinsab f'vettura madanakollu ma jirrizultawx l-estremi tal-azzjoni dwar ix-xorta tal-haga misruqa kif imfisser fl-artikoli 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Intoltre fir-rigward tat-3 akkuza jirrizulta illi l-imputata diga giet trattata dwar dina l-akkuza permezz ta' sentenza datata 7 ta' Frar, 2014 moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputata u l-koperazzjoni taghha mal-pulizija zda ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputata hija recidiva.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li l-artikoli 261(f), 270, 281(a), 49, 579(2) u 17(h)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament u l-artikoli 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 23 tal-Kapitolui 446 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha hlief ghall-aggravju tax-xorta tal-haga misruqa u tilliberaha mit-tielet akkuza peress li din diga ghaddiet in gudikat u tikkundannaha ghal disa’ (9) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------